

P6_TA(2007)0587

Rati ta' taxxa fuq il-valur miżjud *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward ċerti dispożizzjonijiet temporanji dwar rati ta' taxxa fuq il-valur miżjud (COM(2007)0381 – C6-0253/2007 – 2007/0136(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0381),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 93 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0253/2007),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar ir-rati tal-VAT minbarra r-rati standard tal-VAT (COM(2007)0380),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0469/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
 3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni

Emendi mill-Parlament

Emenda 1
Premessa 1

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema

komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, tipprovdi għal ċerti derogi fil-qasam tar-rati tal-VAT. Xi wħud minn dawn id-derogi jiskadu f'data preċiża, waqt li oħrajn iservu sa l-adozzjoni ta' l-arranġamenti definittivi.

komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, tipprovdi għal ċerti derogi fil-qasam tar-rati tal-VAT. Xi wħud minn dawn id-derogi jiskadu f'data preċiża, waqt li oħrajn iservu sa l-adozzjoni ta' l-arranġamenti definittivi ***għal tranżazzjonijiet intra-Komunitarji.***

Emenda 2
PREMESSA 1 A (ġdida)

(1a) Skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Komunità m'għandhiex tidħol fuq il-kompetenza ta' l-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni indiretta lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat l-iffunzjonar xieraq tas-suq intern fir-rigward ta' l-iffissar tar-rati tal-VAT. B'mod partikulari, servizzi pprovduti lokalment, sakemm ma jinvolvux attivitajiet transkonfinali, m'għandhom l-ebda effett fuq l-iffunzjonar tas-suq intern.

Emenda 3
Premessa 2

(2) Sabiex jiżguraw ***aktar*** ugwaljanza fit-trattament fost l-Istati Membri, id-derogi li m'għandhomx kunflitt mat-tħaddim mingħajr xkiel tas-suq intern u ma' politika Komunitarja oħra għandhom jiġu estiżi sa l-aħħar ta' l-2010, id-data ta' skadenza tal-minimu ta' 15% għar-rata standard u għall-esperiment dwar l-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa għas-servizzi li jinvolvux xogħol intensiv. ***Għall-kuntrarju***, ċerti derogi m'għandhomx jiġu estiżi.

(2) Sabiex jiżguraw ugwaljanza fit-trattament fost l-Istati Membri, id-derogi li m'għandhomx kunflitt mat-tħaddim mingħajr xkiel tas-suq intern u ma' politika Komunitarja oħra għandhom jiġu estiżi sa l-aħħar ta' l-2010, id-data ta' skadenza tal-minimu ta' 15% għar-rata standard u għall-esperiment dwar l-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa għas-servizzi li jinvolvux xogħol intensiv. ***Għal raġunijiet speċifiċi***, ċerti derogi m'għandhomx jiġu estiżi.

Emenda 4
PREMESSA 2 A (ġdida)

(2a) Il-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2010 għandu jkun twil biżżejjed sabiex jippermetti lill-Kunsill li jasal għal konklużjoni dwar l-abbandun tal-mira tiegħu li jintroduċi sistema definittiva

għat-tassazzjoni ta' tranżazzjonijiet intra-Komunitarji, ibbażata fuq il-prinċipju ta' tassazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini u fuq approċċ lejn l-approssimazzjoni tar-rati tal-VAT.

Emenda 5

Premessa 2 b (ġdida)

(2a) Il-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2010 għandu jkun twil biżżejjed sabiex jippermetti lill-Kunsill li jasal għal konklużjoni dwar l-istruttura finali tar-rati tal-VAT, li għandha tinkludi għażliet li jippermettu lill-Istati Membri li japplikaw rati tal-VAT differenti sakemm ikun żgurat l-iffunzjonar tajjeb tas-suq intern u ta' politiki Komunitarji oħra. Tul dan il-perjodu, ir-regoli attwali għandhom jiġu applikati b'mod prudenti, filwaqt li jiġi meħud kont tal-każijiet li jaqgħu fil-linja tal-limitu, sabiex l-Istati Membri ma jiġux preklużi milli jaħdmu fuq objettivi leġittimi tal-politika qabel jew wara li l-Kunsill jiddeċiedi l-istruttura finali tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

Emenda 6

Premessa 2 c (ġdida)

(2c) Skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, u wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar sistema definittiva għat-tassazzjoni ta' tranżazzjonijiet intra-Komunitarji, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu japplikaw rati mnaqqsa, jew f'ċirkustanzi eċċezzjonali, anke rata zero għal prodotti u servizzi bażiċi, bħal ikel u medikazzjoni, għal raġunijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali definiti b'mod ċar u għall-benefiċċju tal-konsumatur finali.

Emenda 7

PREMESSA 2 D (ġdida)

(2d) Skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, u wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar sistema definittiva għat-tassazzjoni ta'

tranżazzjonijiet intra-Komunitarji, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu japplikaw rati mnaqqsa, jew f'ċirkustanzi eċċezzjonali, possibilmment anke rata zero għall-provvediment ta' servizzi pprovduti lokalment, inklużi servizzi u provvediment ta' oġġetti marbuta ma' l-edukazzjoni, mal-welfare, mas-sigurtà soċjali u mal-kultura.

Emenda 8
PREMESSA 2 E (ġdida)

(2e) Kwalunkwe sistema ġejjiena għat-tassazzjoni ta' tranżazzjonijiet intra-Komunitarji għandha tkun trasparenti u bbażata fuq is-sempliċità amministrattiva.

Emenda 9
PREMESSA 6

(6) Id-derogi li ġew mogħtija lill-Ungerija u s-Slovakkja m'għandhomx jiġu estiżi għax daww l-Istati Membri ma applikawx jew ma baqgħux japplikaw ir-rata mnaqqsa.

(6) Għandu jiġi enfasizzat li daww l-Istati Membri li ma applikawx jew mhumiex qed japplikaw aktar derogi temporanji tal-VAT, li skadew fl-2007, għandhom jingħataw, sal-31 ta' Diċembru 2010, l-opportunità li jagħmlu użu minn tali derogi temporanji.